REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/595

tas-16 ta' Marzu 2023

li jistabbilixxi l-formola għad-dikjarazzjoni relatata mar-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ mhux riċiklat skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/770

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/770 tat-30 ta' April 2021 dwar il-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ li mhux qed jiġi riċiklat, dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex titqiegħed għad-dispożizzjoni dik ir-riżorsa proprja, fuq il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti, u fuq ċerti aspetti tar-riżorsa proprja bbażata fuq id-dħul nazzjonali gross ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6) tiegħu,

Wara li kkonsulta mal-kumitat li jistabbilixxi l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2021/770, jenħtieġ li l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni *data* statistika dwar il-piż f'kilogrammi tal-iskart tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat u riċiklat, kif ukoll il-kalkolu tal-ammont tar-riżorsa proprja bbażat fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ mhux riċiklat.

(2) Biex ikun limitat il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jittrażmettu d-data statistika u l-ammont tar-riżorsa proprja f'dikjarazzjoni unika.

(3) Id-*data* dwar il-ġenerazzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik mill-imballaġġ tikkostitwixxi l-bażi għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. Għalhekk, huwa neċessarju li jissaħħu il-komparabbiltà, l-affidabbiltà u l-eżawrjenza ta' dik id-*data*.

(4) Sabiex jiġu ggarantiti l-komparabbiltà, l-affidabbiltà u l-eżawrjenza tad-*data* bejn l-Istati Membri, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar id-*data* li għandha tiġi inkluża fid-dikjarazzjoni li għandhom jiġu pprovduti lill-Kummissjoni.

(5) Id-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) tippermetti r-rapportar ta' *data* dwar it-tqegħid fis-suq bħala skart mill-imballaġġ iġġenerat. Madankollu, dan il-metodu ta' rapportar tad-*data* jista' jwassal għal ammonti ta' skart ikkalkulati b'mod differenti madwar l-Istati Membri, u għaldaqstant għal *data* inqas komparabbli bejn l-Istati Membri li jużaw l-"approċċ ta' tqegħid fis-suq" u l-Istati Membri li jużaw l-"approċċ tal-analiżi tal-iskart".

(6) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet uniformi dwar ir-rappurtar tad-*data* sabiex l-Istati Membri kollha jirrapportaw l-informazzjoni dwar l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ f'termini komparabbli, sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tagħhom matul il-verifika tad-*data* u tiġi ċċarata l-metodoloġija applikabbli għall-fini tar-riżorsa proprja tal-plastik. Għalhekk, il-metodoloġija tal-kalkoli stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/270/KE ([4]) jenħtieġ li tiġi dettaljata aktar.

(7) Meta jintuża l-approċċ ta' tqegħid fis-suq biex jiġi stmat l-ammont ta' skart tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat, jenħtieġ li d-*data* tat-tqegħid fis-suq tiġi kkomplementata b'fatturi ta' korrezzjoni sabiex tkopri l-iskart kollu tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat fi Stat Membru, biex jiġu żgurati l-affidabbiltà u l-preċiżjoni tad-*data* rrapportata.

([1]) ĠU L 165, 11.5.2021, p. 15.

([2]) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

([3]) Id-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/270/KE tat-22 ta' Marzu 2005 li tistabbilixxi l-formati relatati mas-sistema tad-bażi tad-dejta skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 86, 5.4.2005, p. 6).

(8) L-ammont ta' skart tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat jenħtieġ li jiġi ddeterminat biż-żewġ approċċi disponibbli sabiex ikun hemm stima soda, ikkalkulata b'mod komparabbli għall-Istati Membri kollha.

(9) Sabiex jiġu mmonitorjati l-bidliet fid-*data* pprovduta, huwa essenzjali li, meta l-Istati Membri jirrevedu dikjarazzjoni preċedenti, huma jindikaw liema *data* nbidlet u jispjegaw ir-raġunijiet għad-differenzi fl-istess ħin li tiġi ppreżentata d-*data* riveduta.

(10) F'każ li jeżistu differenzi fid-*data* dwar l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ irrapportata skont id-Direttiva 94/62/KE, jenħtieġ li l-Istati Membri jispjegaw ukoll ir-raġunijiet għad-differenzi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-formola għad-dikjarazzjoni relatati mar-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ mhux riċiklat.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "skart" tfisser skart kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98/KE;

(2) "miġbur separatament" tfisser l-ammont ta' skart miġbur permezz tal-ġbir separat kif definit fl-Artikolu 3(11) tad-Direttiva 2008/98/KE;

(3) "riċiklat" tfisser l-ammont ta' skart ittrattat permezz tar-riċiklaġġ kif definit fl-Artikolu 3(17) tad-Direttiva 2008/98/KE;

(4) "plastik" tfisser imballaġġ kif definit fl-Artikolu 3(1a) tad-Direttiva 94/62/KE;

(5) "imballaġġ" tfisser imballaġġ kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 94/62/KE;

(6) "imballaġġ li jista' jerġa' jintuża " tfisser imballaġġ li jista' jerġa' jintuża kif definit fl-Artikolu 3(2a) tad-Direttiva 94/62/KE;

(7) "skart mill-imballaġġ" tfisser skart mill-imballaġġ kif definit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/62/KE;

(8) "punt tal-kalkolu" tfisser il-punt tal-kalkolu kif definit fl-Artikolu 2(1)(d) u fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2005/270/KE;

(9) "suq online" tfisser suq online kif definit fl-Artikolu 2(17) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]);

(10) "skart tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat" tfisser l-ammont ta' imballaġġ tal-plastik, inklużi l-komponenti tal-plastik ta' imballaġġ kompost u imballaġġ ieħor, li jsir skart fi Stat Membru f'sena kalendarja, espress f'kilogrammi;

(11) "skart tal-plastik mill-imballaġġ riċiklat" tfisser l-ammont ta' skart tal-plastik mill-imballaġġ, inklużi l-komponenti tal-plastik ta' imballaġġ kompost u imballaġġ ieħor, fil-punt tal-kalkolu tal-plastik, espress f'kilogrammi;

(12) "organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi" tfisser organizzazzjoni li timplimenta l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur f'isem il-produtturi tal-prodotti;

(13) "tqegħid fis-suq" tfisser kwalunkwe provvista ta' prodott għall-ewwel darba għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq ta' Stat Membru matul attività kummerċjali, kemm jekk isir bi ħlas kif ukoll jekk ikun mingħajr ħlas;

([5]) Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

(14) "approċċ ta' tqegħid fis-suq" tfisser metodu biex jiġi stmat l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat abbażi ta' *data* dwar it-tqegħid fis-suq minn organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi u/jew sorsi oħra; id-*data* għandha tiġi kkomplementata, fejn rilevanti u applikabbli, bl-ammonti stmati għal dawn li ġejjin:

(a) profittaturi,

(b) produtturi taħt il-livell limitu *de minimis*,

(c) awtokonformi,

(d) esportazzjonijiet ta' wara t-tqegħid fis-suq,

(e) kummerċ online,

(f) importazzjonijiet privati,

(g) esportazzjonijiet privati,

(h) imballaġġ li jista' jerġa' jintuża mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba,

(i) imballaġġ li jista' jerġa' jintuża li sar skart,

(j) kwalunkwe stima oħra;

(15) "approċċ ta' analiżi tal-iskart" tfisser metodu biex jiġi stmat l-ammont annwali totali ta' skart tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat billi tiġi kkombinata d-*data* tal-iskart mill-imballaġġ (tal-plastik) miġbur separatament ma' *data* dwar l-iskart muniċipali mħallat abbażi ta' analiżi tal-kompożizzjoni tal-iskart li ma tkunx eqdem minn erba' snin, u ma' kwalunkwe *data* rilevanti oħra dwar l-iskart, inkluż l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ industrijali u kummerċjali;

(16) "profittatur" tfisser produttur jew distributur li jqiegħed fis-suq imballaġġ tal-plastik jew prodotti ppakkjati li ma jirrappurtax lil organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jew lil awtorità pubblika, u lanqas li b'xi mod ieħor jieħu responsabbiltà finanzjarja jew responsabbiltà finanzjarja u organizzattiva għall-immaniġġjar tal-iskart tal-plastik mill-imballaġġ; jew jirrapporta ammont iżgħar minn dak attwalment imqiegħed fis-suq;

(17) "*de minimis*" tfisser livell limitu minimu li jista' jiġi definit mill-Istati Membri, li taħtu ma jkunx meħtieġ rappurtar lil organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jew awtorità pubblika;

(18) "awtokonformi" tfisser produttur li jieħu responsabbiltà finanzjarja jew responsabbiltà finanzjarja u organizzattiva għall-ġestjoni tal-iskart tal-plastik mill-imballaġġ, u għalhekk mhuwiex meħtieġ jirrapporta lil organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi;

(19) "esportazzjonijiet ta' wara t-tqegħid fis-suq" tfisser prodotti ppakkjati u/jew imballaġġ esportati fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz wara li jkunu tqiegħdu fis-suq fi Stat Membru wieħed;

(20) "kummerċ online" tfisser kummerċ ta' merkanzija fl-Unjoni miksub b'mezzi elettroniċi;

(21) "importazzjonijiet privati" tfisser imballaġġ ta' prodotti importati minn persuna fiżika għall-użu finali proprju minn Stat Membru ieħor minn ħanut fiżiku, jew minn pajjiż terz minn ħanut fiżiku jew permezz ta' suq online;

(22) "esportazzjonijiet privati" tfisser l-imballaġġ ta' prodotti esportati minn persuna fiżika għall-użu finali proprju lejn Stat Membru ieħor, jew lejn pajjiż terz minn ħanut fiżiku;

(23) "imballaġġ li jista' jerġa' jintuża mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba" tfisser l-ewwel provvista ta' imballaġġ li jista' jerġa' jintuża mimli bi prodott għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq ta' Stat Membru matul attività kummerċjali.

Artikolu 3

Dikjarazzjoni annwali

1. Id-dikjarazzjoni annwali msemmija fl-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2021/770, għandu jkun fihom *data* statistika dwar il-piż tal-iskart tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat u riċiklat u jipprovdu l-kalkolu tal-ammont tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ mhux riċiklat. Id-dikjarazzjoni annwali għandhom iservu bħala dokument ta' sostenn għall-kontroll u s-superviżjoni tal-Kummissjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ mhux riċiklat.

2. L-approċċi li ġejjin għandhom ikunu aċċettabbli għall-istima tal-iskart tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat:

(a) approċċ ta' tqegħid fis-suq;

(b) approċċ ta' analiżi tal-iskart.

3. Kalkoli bbażati fuq iż-żewġ approċċi msemmija fil-punti (a) u (b) għandhom jiġu aġġustati biex jiġu żgurati l-komparabbiltà, l-affidabbiltà u l-eżawrjenza tar-riżultati.

4. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-istimi miż-żewġ approċċi msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), u jipprovdu stima unika tal-iskart iġġenerat billi jibbilanċjaw ir-riżultati disponibbli, sabiex jużaw id-*data* mis-sors bażika kollha disponibbli sottostanti għall-approċċi differenti għall-kompilazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart b'mod effettiv.

5. Kwalunkwe differenza bejn id-*data* miksuba miż-żewġ approċċi msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), għandha tiġi spjegata fid-dettall f'konformità mal-format stabbilit fit-tabella 3 tal-Anness I.

6. Minbarra d-*data* statistika, id-dikjarazzjonijiet annwali għandu jkun fihom, jekk applikabbli, spjegazzjonijiet ta' dawn li ġejjin:

(a) bidliet metodoloġiċi;

(b) reviżjonijiet ta' *data* statistika rrappurtata qabel;

(c) kwalunkwe differenza bejn id-*data* dwar l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ irrappurtata sat-30 ta' Ġunju skont id-Direttiva 94/62/KE u d-*data* statistika rrapportata sal-31 ta' Lulju tal-istess sena skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2021/770, minbarra d-differenzi mit-trasformazzjoni ta' kilogrammi f'tunnellati.

L-ispjegazzjonijiet għandhom jingħataw skont il-format stabbilit fl-Anness II.

Artikolu 4

Struttura tad-*data*

1. Id-*data* statistika fid-dikjarazzjoni annwali għandha ssegwi l-istruttura stabbilita fit-tabella 1 tal-Anness I.

2. Il-kalkolu tal-ammont tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ mhux riċiklat fid-dikjarazzjoni annwali għandu jiġi inkluż fit-tabella 2 tal-Anness I.

3. Analiżi dettaljata tad-*data* statistika għandha tiġi pprovduta skont it-tabella 3 tal-Anness I.

4. Id-dikjarazzjoni għall-ewwel sena ta' rappurtar għandu jkun fihom id-*data* għall-2021.

Artikolu 5

Trażmissjoni tad-dikjarazzjoni u tar-reviżjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu b'mod elettroniku lill-Kummissjoni (Eurostat) id-dikjarazzjoni annwali għas-sena li tkun sentejn qabel is-sena attwali ("n-2").

2. It-trażmissjoni tad-dikjarazzjoni annwali msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju ta' kull sena.

3. Kwalunkwe reviżjoni tad-*data* għas-snin preċedenti għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni (Eurostat) billi terġa' tintbagħat id-dikjarazzjoni annwali, flimkien ma' spjegazzjonijiet għall-bidliet li jkunu saru.

Artikolu 6

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Dikjarazzjonijiet b'rabta mar-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ mhux riċiklat

Tabella 1. Ammont ta' skart tal-plastik mill-imballaġġ mhux riċiklat (kilogrammi)		
Sena ta' referenza:		
A. Skart tal-plastik mill-imballaġġ totali ġġenerat		
B. Skart tal-plastik mill-imballaġġ totali riċiklat		
C. Skart tal-plastik mill-imballaġġ totali mhux riċiklat (A-B)		

Tabella 2. Ammont tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ mhux riċiklat [1] **(EUR)**		
Sena ta' referenza:		
D. Total tar-riżorsi proprji tal-plastik (C × 0,8)		
E. Tnaqqis gross		
F. Total tar-riżorsi proprji tal-plastik wara t-tnaqqis (D-E)		

[1] F'konformità mal-Artikolu 2(1), il-punt (c) u l-Artikolu 2(2), it-tielet subparagrafu tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053.

Tabella 3. Komprensività tal-istimi; miżuri ta' kontroll u verifika				
Sena ta' referenza:				
Skart tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat				
Skart tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat - approċċ ta' tqegħid fis-suq ibbażat fuq *data* tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi			kg	Spjegazzjoni (jekk applikabbli)
Imqiegħda fis-suq abbażi tad-*data* tal-iskema tal-EPR qabel kwalunkwe aġġustament				
Produtturi taħt il-livell limitu (*de minimis*)				
Awtokonformi				
Profittaturi				
Esportazzjonijiet ta' wara t-tqegħid fis-suq				
Kummerċ online				
Importazzjonijiet privati				
Esportazzjonijiet privati				
Imballaġġ li jista' jerġa' jintuża mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba [1]				
Imballaġġ li jista' jerġa' jintuża li sar skart [2]				
Aġġustamenti oħra mwettqa				
	Lista ta' aġġustamenti			

Skart tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat - approċċ ta' tqegħid fis-suq ibbażat fuq *data* għajr dik tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi		kg	Spjegazzjoni (jekk applikabbli)
Mqiegħed fis-suq abbażi ta' *data* għajr dik tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi - qabel kwalunkwe aġġustament			
Statistika tal-produzzjoni			
Statistika tal-kummerċ barrani			
Stħarriġiet speċifiċi			
Reġistru elettroniku u komunikazzjoni ta' *data* amministrattiva			
Importazzjonijiet privati			
Esportazzjonijiet privati			
Aġġustamenti oħra mwettqa			
	Lista ta' aġġustamenti		
Skart totali tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat - approċċ ta' tqegħid fis-suq		kg	
Skart tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat - approċċ ta' analiżi tal-iskart		kg	Spjegazzjoni (jekk applikabbli)
Miġbur separatament			
Skart muniċipali			
Skart industrijali u kummerċjali			
Aġġustamenti oħra mwettqa			
	Lista ta' aġġustamenti		
Skart totali tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat - approċċ ta' analiżi tal-iskart		kg	
Id-differenza bejn id-*data* tat-tqegħid fis-suq u l-istima ta' approċċ tal-analiżi tal-iskart		kg	

Deċiżjoni ta' bbilanċjar	Spjegazzjoni

Ammont ibbilanċjat (kif irrapportat fit-tabella 1): Skart tal-plastik mill-imballaġġ totali ġġenerat	kg	
Skart tal-plastik mill-imballaġġ riċiklat		

Skart tal-plastik mill-imballaġġ riċiklat	kg	Spjegazzjoni (jekk applikabbli)
Skart tal-plastik mill-imballaġġ riċiklat fl-Istat Membru		
Skart tal-plastik mill-imballaġġ riċiklat fi Stat Membru ieħor		
Skart tal-plastik mill-imballaġġ riċiklat barra mill-UE		

Lista ta' aġġustamenti mwettqa	Spjegazzjoni

Skart tal-plastik mill-imballaġġ totali riċiklat	kg	

(1) Għandu jitnaqqas jekk l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża jkun inkluż fl-ammont totali ta' imballaġġ imqiegħed fis-suq jew fi kwalunkwe korrezzjoni f'din il-lista.

(2) Jinkludi l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba u minn perjodi preċedenti li sar skart f'dan il-perjodu.

ANNESS II

Spjegazzjoni tad-differenzi

Tabella 1. Spjegazzjoni tad-differenzi mad-*data* rrapportata skont id-Direttiva 94/62/KE (irrapporta biss fejn japplika)

Partita	Ammont tad-differenza (kg) [1]	Spjegazzjoni
A. Skart tal-plastik mill-imballaġġ totali ġġenerat		
B. Skart tal-plastik mill-imballaġġ totali riċiklat		
C. Skart tal-plastik mill-imballaġġ totali mhux riċiklat (A-B)		

[1] Data rrapportata f'din id-dikjarazzjoni nieqes id-data rrapportata skont id-Direttiva 94/62/KE.

Tabella 2. Spjegazzjonijiet tal-bidliet metodoloġiċi meta mqabbla mas-sena ta' qabel (irrapporta biss fejn applikabbli)

Partita		Spjegazzjoni għall-bidla metodoloġika (jekk applikabbli)
Skart tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat - approċċ ta' tqegħid fis-suq ibbażat fuq *data* tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi		
Imqiegħda fis-suq abbażi tad-*data* tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi qabel kwalunkwe aġġustament		
Produtturi taħt il-livell limitu (*de minimis*)		
Awtokonformi		
Profittaturi		
Esportazzjonijiet ta' wara t-tqegħid fis-suq		
Kummerċ online		
Importazzjonijiet privati		
Esportazzjonijiet privati		
Imballaġġ li jista' jerġa' jintuża mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba [1]		
Imballaġġ li jista' jerġa' jintuża li sar skart [2]		
Aġġustamenti oħra mwettqa		
	Lista ta' aġġustamenti	
Skart tal-plastik mill-imballaġġ iġġenerat - approċċ ta' tqegħid fis-suq ibbażat fuq *data* għajr dik tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi		
Imqiegħed fis-suq abbażi ta' *data* għajr l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi - qabel kwalunkwe aġġustament		
Statistika tal-produzzjoni		
Statistika tal-kummerċ barrani		
Stħarriġiet speċifiċi		

Reġistru elettroniku u komunikazzjoni ta' *data* amministrattiva		
Importazzjonijiet privati		
Esportazzjonijiet privati		
Aġġustamenti oħra mwettqa		
	Lista ta' aġġustamenti	
Skart iġġenerat - approċċ ta' analiżi tal-iskart		
Lista ta' aġġustamenti mwettqa		
Skart tal-plastik mill-imballaġġ totali ġġenerat		
Skart tal-plastik mill-imballaġġ riċiklat		
Skart tal-plastik mill-imballaġġ riċiklat fl-Istat Membru		
Skart tal-plastik mill-imballaġġ riċiklat fi Stat Membru ieħor		
Skart tal-plastik mill-imballaġġ riċiklat barra mill-UE		
Lista ta' aġġustamenti mwettqa		
Skart tal-plastik mill-imballaġġ totali riċiklat		

([1]) Għandu jitnaqqas biss jekk l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża jkun inkluż fl-ammont totali ta' imballaġġ imqiegħed fis-suq jew fi kwalunkwe korrezzjoni f'din il-lista. F'dan il-każ, iċ-ċifra għandha tiġi kkalkulata bħala l-valur nett tal-flussi ta' dħul u ta' ħruġ.

([2]) Jinkludi l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba u minn perjodi preċedenti li sar skart f'dan il-perjodu.